

Brussell, 29 ta' Novembru 2021  
(OR. en)

14358/21

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2021/0353(NLE)

---

---

SCH-EVAL 152  
SIRIS 114  
COMIX 588

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill  
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill

---

Nru. dok. preċ.: 14357/21

---

Suġġett: Abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2021 ta' **Franza** dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas-**Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen**

---

1. Wara l-adozzjoni mill-Kunsill tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen, grupp ta' esperti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni wettqu evalwazzjoni ta' Franza fir-rigward tal-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fl-2021.
2. F'konformità ma' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni mfassla biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati matul l-evalwazzjoni u biex tiżgura li Franza tapplika b'mod korrett u effettiv ir-regoli kollha ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.

3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen, inkluż is-sħab tal-Kumitat Imħallat in-Norveġja, l-Iżlanda, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein, approva l-proposta għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni fl-24 ta' Novembru 2021.
4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, kif jinsab fid-dokument 14357/21, bħala punt "A" f'waħda mil-laqgħat li jmiss.

---